## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 191/2020 LC

**LEONARD SCHEMBRI**
**(K.I. 0163062M)**

**AGNES GERA DE PETRI TESTAFERRATA BONICI GĦAXAQ**
**(K.I. 0454749M)**
għal kull interess

**vs**

**FRANCIS CAMILLERI**
**(K.I. 0196862M)**

Illum, 20 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat r-rikors ta' Leonard Schembri et fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni li inġarrbu mill-attur Leonard Schembri nhar is-26 ta' Mejju 2020, jew data verjuri, wara li inti kkawżajt nar ġewwa l-għalqa imqabbla lill-attur li tinsab ġewwa Ġnien Dors, Limiti tas-Salib tal-Għolja, Siġġiewi u li permezz ta' tali ħruq l-attur sofra danni u telf ta' qliegħ inkluż iżda mhux limitatament (i) ħruq ta' qamħ li kien lest biex jinġabar stmat EUR 1,500 (ii) ħruq ta' tlett dwieli li kienu jipproduċu madwar mitt (100) kilo għeneb fis-sena, stmati EUR 1,400 u (iii) ħruq ta' siġriet tal-bajtar tax-xewk kbar

liema danni jridu jiġu likwidati; u/jew dawk is-somom verjuri u prevja li jiġi appuntat Perit u li jiġu likwidati d-danni. Illi l-attriċi Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq hija s-sid tal-għalqa mqabbla lill-attur Schembri, u hija parti f'din il-kawża għal kull interess li jista' jkollha u li qiegħda tiddikjara minn issa li kwalunkwe danni huma pagabbli lill-attur Schembri. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huwa minn issa nġunt in subizzjoni. Bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta ta' Francis Camilleri datata 3 ta' Novembru 2020 fejn eċċepixxa li;

1. Illi l-pretensjonijiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eċċipjent ma kkawża ebda danni lir-rikorrent kif falsament qed ikun allegat.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali;

Semgħat x-xhieda;

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi skont ma jirriżulta mill-affidavit tar-rikorrenti Leonard Schembri, huwa jikri mingħand ir-rikorrenti Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Għaxaq l-għalqa li tinsab ġewwa Ġnien Dors, Limiti tas-Salib tal-Għolja, Siġġiewi. Dakinhar tas-26 ta' Mejju 2020, Schembri telaq mill-għalqa tiegħu għall-ħabta ta' 12:10pm u għall-ħabta ta' 12:45pm, sħabu informawh li l-għalqa tiegħu kienet qed taqbad. Marret il-mara tiegħu fuq il-post u sabet li fl-għalqa kien inħaraq kollox. Ħdejn l-għalqa tiegħu hemm camera CCTV ta' ċerta persuna

kunjomha Mangion. Ir-rikorrenti Schembri talab kopja tal-filmat miġbud u minn hemm irriżulta li waqt li kienet qed taqbad l-għalqa, għadda raġel bil-mutur u b'crash helmet abjad viċin tal-għalqa, li hu għaraf bħala Francis Camilleri, l-intimat. Qal li ilhom bil-problemi bejniethom. Qal li din ma kienitx l-ewwel darba li sofra ħsarat fl-għalqa tiegħu u għalkemm dejjem kellu suspett fih, qatt ma kellu provi li kien hu. Qal li dakinhar tal-inċident, ir-rikorrenti kien innota lil Camilleri jsuq warajh bil-mutur hekk kif telaq l-għalqa. Ir-rikorrenti għamel rapport mal-pulizija dwar dan u ftit wara ġie avviċinat minn ċerta Patrick Muscat fejn qallu li kien ra raġel liebes crash helmet bajda jixxabbat mal-ħajt tal-għalqa u kif dan ir-raġel niżel u telaq bil-mutur, telgħet vampa nar minnufiħ.

Bħala danni, Leonard Schembri jgħid li sab is-segwenti ħsarat:

- Inħaraq qamħ li kien lest biex jinġabar, għall-valur ta' €1,500;
- Iħarqu tlett dwieli, li kienu jipproduċu madwar 100 kilo għeneb fis-sena u kien prospettat il jiqgħu jagħtu frott għal madwar, jew aktar minn, għaxar snin oħra, b'valur komplessiv ta' €1,400;
- Inħarqu sitt siġriet tal-bajtar li, b'kalkolu fuq għaxar snin oħra ħajja, kienu jagħtuħ massimu ta' €1,000;
- Ħsara fil-ħitan tas-sejjieħ li ma kienx qawwi biżżejjed biex jinkorri spejjeż;

Illi sussegwentement, fl-affidavit ulterjuri tiegħu, Leonard Schembri jippreċiża illi dakinhar tal-inċident huwa kien ra lil Francis Schembri għall-ħabta ta' 12:10pm huwa u jsuq mill-għalqa lejn id-dar. Qal li rah ġej bil-mutur fid-direzzjoni opposta tiegħu, sejjer fid-direzzjoni tal-għalqa. Għarfu għax jarah ta' spiss u minn fuq il-mutur tal-fardal tiegħu jingħaraf sew. Qal li kien liebes helmet abjad u flokk aħdar. Qal l-ewwel darba li ra l-filmat tas-CCTV kien fl-għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ u kien hemm ċerta pulizija Sean Debono li għaraf lil

Francis Camilleri wkoll minn fuq il-filmat. Qal li huwa jkun kuljum fl-għalqa u li qatt ma ra lil Francis Camilleri f'dawk l-akkwati peress li m'għandux għelieqi. Dwar id-danni, huwa jgħid illi:

- Jikkonferma s-somma ta' €1,500 bħala telf mill-qamħ;
- Jikkoreġi s-somma tad-dwieli għal €700;
- Jgħid li s-siġar tal-bajtar irkupraw u kulma tilef kienet sena waħda, ċioè €100;

Illi fl-affidavit tiegħu, Dr Andrea-Fabrizio Gera De Petri Testaferrata Bonici qal illi l-għalqa hija propjetà ta' ommu Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Għaxaq u li hija mikrija lil Leonard Schembri. Qal li dakinhar tal-inċident, Leonard Schembri qallu li kien seħħ inċident u hu mar fuq il-post. Qal li raw il-filmat tas-CCTV u li Schembri għaraf lill-persuna li tidher fil-filmat bħala Francis Camilleri. Qal li hu, flimkien ma' Leonard Schembri, marru jagħmlu rapport fl-għassa tal-Pulizija u anke għaddewlhom kopja tal-filmat CCTV. Qal li wara dan l-inċident, hu ħa l-perit tagħhom sabiex jikkostata jekk kienx hemm ħsarat fil-ħitan tas-sejjieħ, iżda ma kienx hemm ħsara min-nar, minkejja li kien hemm ċerta partijiet mimlija nugrufun. Illi Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Għaxaq fl-affidavit tagħha kkonfermat illi hija tikri l-għalqa *de quo* lil Leonard Schmebri u li m'għandha ebda oġġezzjoni li jekk jinstabu xi danni, jkunu pagabbli lil Leonard Schembri.

Illi Patrick Muscat, fl-affidavit tiegħu, qal illi dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed jaqta' xi ħaxix fl-għalqa li tiġi ma Triq id-Dukkiena, Siġġiewi, faċċata tal-għelieqi li jinħadmu minn Leonard Schembri. Qal li wasal hemm għall-ħabta ta' nofsinhar u għall-ħabta tan-nofs siegħa, ra persuna liebsa crash helmet abjad u flok aħdar tixxabbat mal-ħajt tal-għalqa ta' Leonard Schembri. Din il-persuna qabżet lura għal ġot-triq u minnufiħ it-tiben li kien hemm ħa vampa nar. L-għalqa

ħadet in-nar malajr għaliex it-tiben kien maħsud lest biex jiġi ppakkjat u kien hemm riħ li ġej mix-Xlokk.

In kontro-eżami, Patrick Muscat ikkonferma li hu m’għandux għalqa f’dawk l-akkwati iżda jmur regolarment jaqta’ l-ħaxix għall-għasafar. Lil Leonard Schembri ilu jafu ‘l fuq minn tletin sena għax jixtri l-ħaxix mingħandu. Qal li jafu sew lil Leonard Schembri għax ġieli mar għall-kaċċa u l-insib miegħu fl-għalqa. Qal li dakinhar tal-inċident mar dawk in-naħat għall-ħabta ta’ nofsinhar. Qal li lil Francis Camilleri jafu minn wiċċu biss. Qal li dakinhar tal-inċident hu ra bniedem jixxabbat bi *crash helmet* abjad u flok aħdar u jmattar idu u niżel ‘l isfel u sema’ mutur għaddej jiġri. Qal li għall-ewwel ma semma xejn ma’ Schembri għax ma riedx jidħol f’inkwiet. Sussegwentement, meta Schembri qallu bil-filmat, Muscat qallu li kien ra dik il-persuna bil-*crash helmet*. Hu ċaħad li għamel l-affidavit tiegħu taħt xi pressjoni jew theddid.

Illi n-Nutar Dr. Malcolm Mangion ikkonferma fl-affidavit tiegħu illi huwa jirrisjedi fil-viċinanzi tal-għalqa tar-rikorrenti u li mal-faċċata tad-dar tiegħu għandu CCTV Cameras. Hu ppreżenta kopja tal-footage meħud mill-cameras tiegħu kif ukoll *stills* mill-footage u kkonfermhom bil-ġurament tiegħu. Hu kkonferma li dakinhar tal-inċident hu seta’ jara minn fuq il-bejt in-nirien li ħakmu l-għalqa tar-rikorrenti.

Illi da parti tiegħu, l-intimat Francis Camilleri jgħid illi l-għalqa de quo tinsab madwar tnax-il pied bogħod mill-għalqa ta’ ħuh Pawlu, li għandu madwar għoxrin tomna. Jgħid li f’dawn l-għelieqi hu jżomm ukoll xi annimali bħal żiemel jew bagħal li juża’ għall-ħrit tar-raba. Hu jiċħad li għandu x’jaqsam mal-ħruq tal-għalqa ta’ Leonard Schembri u ma jafx għalfejn qed jgħid li kellhom xi jgħidu, propju għaliex qatt ma kellhom xi jgħidu. Jgħid li hu jitla’ fl-inħawi in kwistjoni kuljum u m’għandux ħin meta jmur jew jirritorna lura d-dar.

Hu jiċħad li xxabbat ma' xi ħitan u jgħid li fiż-żmien tal-inċident hu kien qed jistenna biex jagħmel bypass tal-arterji f'qalbu, liema operazzjoni saret fit-23 ta' Lulju 2020. Jgħid li għalkemm bagħtu għalih il-pulizija b'rabta ma' dan l-inċident, hu ċaħad l-involviment tiegħu u għalkemm qalulu li rawh għaddej bil-mutur, bl-ebda ħin ma rawh nieżel minn fuqu.

Dwar il-verżjoni ta' Patrick Muscat, ċioè li rah jixxabbat mal-ħajt, jgħid li ma jafx min hu u ma jafx għalfejn qed jigdeb. Qal li skopra li Muscat huwa ħabib kbir ta' Leonard Schembri u anke jonsob fuq l-għalqa tiegħu. Jgħid li għamel frameup fuqu biex jagħmel kemmxa minn fuq dahru. Jgħid li l-pulizija qalulu li ma ressquhx il-Qorti għax m'għandhomx każ kontrieh. Qal li wara li għamel il-bypass ta' qalbu, kien mar fl-għalqa tiegħu u nzerta lil Schemrbi fl-għalqa. Dan sparalu tir fil-vojt biex ibeżżgħu u meta l-pulizija saqsewh iridx imexxi kontrieh, qalilhom li ma jridx inkwiet u kulma jrid hu li jħallieh bil-kwiet.

Xehed ukoll ħu l-intimat Pawlu Camilleri fejn qal li huwa għandu l-għalqa tiegħu madwar tnax-il pied bogħod minn ta' Leonard Schembri. Hu jgħid li għandu l-qbiela ta' din l-art u jħallasha flimkien ma ħuh. Hu ppreżenta kopja tal-irċevuta tal-Awtorita tal-Aritijiet fejn hemm indikat l-intimat bħala "Kerrejja Oħra".

Xehed PS460 Aaron Grech, li nvestiga r-rapport dwar l-allegata isparatura ta' theddid msemmija mill-intimat. Hu ppreżenta r-rapport tal-pulizija (NPS 2/C/2801/2020) datat id-29 ta' Ottubru 2020 fejn jirreferi għal inċident tal-allegata sparatura fil-25 ta' Ottubru 2020 waqt li Leonard Schembri kien għall-kaċċa u għal allegat theddid li sar minn Schembri fil-konfront ta' Camilleri fid-29 ta' Ottubru 2020. Hu ppreżenta wkoll żewġ *waivers* ffirmati minn Schmebri u Camilleri biex ma jittieħdux passi fil-konfront ta' xulxin.

Xehed ukoll PS1474 Kieran Parnis li ppreżenta r-rapport rigwardanti l-inċident tal-ħruq *de quo* (NPS 2/D/975/2020). Qal li hu ħa r-rapport ta' Leonard Schembri fit-28 ta' Mejju 2020, meta l-inċident de quo seħħ fit-28 ta' Mejju 2020, u waqt li kien qed jagħmel ir-rapport qallu li kellu suspett kbir fi Francis Camilleri. Qallu wkoll li kien hemm filmat CCTV u s-surġent rah u ġie jidher l-intimat minn dik it-triq, għalkemm ma jidher xejn irregolari. Qal li bagħat għal Camilleri iżda dan ċaħad li kellu nvolviment u qal li jgħaddi minn hemm ta' spiss. Qal li Schembri kien irrimarka li fil-passat kellhom xi kwistjonijiet bejniethom. Skontu, Francis Camilleri qallu li jibża' minn Leonard Schembri.

Ikkonsidrat;

Illi qabel xejn, jirriżulta mix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti Leonard Schembri illi d-danni allegatament sofferti minnu jikkonsistu fi €1,500 bħala telf mill-qamħ; €700 telf mid-dwieli (oriġinarjament maħsuba li se tkun €1,400) u €100 mill-bajtar (oriġinarjament maħsuba li se tkun €1,000). Illi b'hekk it-talba komplessiva hija ta' €2,300.

Illi b'Digriet datat it-22 ta' Awwissu 2023, il-Qorti ikkwerelat il-kompetenza tagħha stante li din m'hijiex għal kollox ċara. Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2023 saret trattazzjoni limitatament fuq il-kompetenza.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Edwin Cilia vs Melina Cilia**[1] kwistjoni ta' kompetenza għandha tiġi deċiża permezz ta' sentenza appożita jew permezz ta' kap separat fis-sentenza finali. Illi permezz ta' din

[1] **Edwin Cilia vs Melina Cilia**, 30 ta' Ġunju 2021, Qorti tal-Appell (Superjuri), (Rik Nru 106/20/1)

is-sentenza, il-Qorti qed tiddeċiedi din l-eċċezzjoni mqajjma minnha stess, li del resto hija materja ta' Ordni Pubbliku[2].

Illi sabiex tiġi determinata din il-materja, il-Qorti trid tħares kemm lejn it-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll lejn l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut. Kif ġie ritenut fis-sentenza **Vicky Coleiro noe vs Michael Grech**:[3]

> *"Tajjeb li jigi precizat ukoll ili "l-kompetenza ma tiddependiex bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut". Vide "**Oscar Busuttil noe –vs- Giuseppe Camilleri noe**", Prim'Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1952; "**Margherita Rizzo –vs- Edgar Zahra**", Appell, Sede Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953; "**Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996)."*

Illi fl-avviż promotur, ir-rikorrenti jitolbu s-segwenti danni:

(i) ħruq ta' qamħ li kien lest biex jinġabar stmat EUR 1,500;
(ii) ħruq ta' tlett dwieli li kienu jipproduċu madwar mitt (100) kilo għeneb fis-sena, stmati EUR 1,400; u
(iii) ħruq ta' siġriet tal-bajtar tax-xewk kbar <u>liema danni jridu jiġu likwidati</u>; (emfasi tal-Qorti).

Illi filwaqt li m'hemmx dubju li l-ewwel żewġ talbiet jaqgħu fil-parametri tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 56A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar it-tielet talba, madanakollu, it-talba oriġinali kienet waħda indeterminata li

[2] Ara f'dan is-sens **Anthony Azzopardi vs Doris Behag**, 5 ta' April 2013, Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), (App Ċiv Nru: 133/2008/1).
[3] **Vicky Coleiro noe vs Michael Grech**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 10 ta' April 2003 (Appell Ċiv Nru. 36/2001/1).

sussegwentement ġiet determinata bix-xhieda mogħtija mir-rikkorrenti u limitata għas-somma ta' €100.

Illi l-Artikolu 747 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi l-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Illi b'hekk, bil-mod kif inhi redatta t-tielet talba, il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar ġiet awtomatikament eskluża. Illi min-naħa l-oħra, din il-Qorti wkoll hija Qorti ta' ġuristizzjoni limitata bl-applikazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta. Min-naħa l-oħra, is-suġġett tad-danni, ossija tliet siġriet tal-bajtar u l-frott li setgħu jagħtu ma jaqbżux il-valur ta' €15,000 u b'hekk minkejja li l-kompetenza ta' din il-Qorti hija limitata għal ħmistax-il elf Ewro, l-istess kompetenza hija għolja ħafna meta tqis il-valur massimu li tliet siġriet tal-bajtar jistgħu ilaħħqu u b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, minkejja li l-kompetenza tagħha hija limitata, hija ferm ampja meta jitqies il-valur li dawn jista' jkollhom.

B'hekk il-Qorti qed tqis illi għandha kompetenza *ratione valoris* sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża.

Ikkonsidrat;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti fejn jgħid li l-intimat kien responsabbli għal dan il-ħruq u l-verżjoni tal-intimat li jgħid li hu m'għandu x'jaqsam xejn ma l-inċident.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**:[4]

[4] **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**, 28 ta' April 2004, Qorti Ċivili, Prim' Awla, (Ċitazz Nru 984/1994/1)

> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal- probabilitajiet. [App. Ċiv.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace*** *[1986] Vol. LXX.II.144 ]Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*

Ir-rikorrenti jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq filmat ippreżentat minnu stess li juri persuna fuq mutur liebes flokk aħdar u crash-helmet abjad jgħaddi minn triq fil-viċinanzi għal tliet darbiet, liema persuna huwa għaraf bħala l-intimat. PS1474 Kieran Parnis ukoll xehed li mill-filmat CCTV preżentat huwa għaraf lill-persuna ssuq il-mutur bħala l-intimat. Illi abbażi ta' din ix-xhieda, in partikolari dik tas-Surġent Parnis, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-persuna li kienet qed issuq il-mutur huwa, filfatt l-intimat.

Jonqos, però il-ħolqa li torbot lill-imputat mal-ħruq soffert fl-għalqa tal-intimat. Ir-rikorrenti jipprova jagħlaq din il-ħolqa bix-xhieda ta' Patrick Muscat li jgħid li huwa ra persuna liebsa helmet abjad u flokk aħdar tixxabbat mal-ħajt tal-għalqa tar-rikorrenti, mattar idejh, qabeż fit-triq imbagħad sema' l-ħoss tal-mutur. Minnufih it-tiben li kien hemm ħa vampa nar.

Illi l-Qorti rat il-*footage* CCTV prodott mill-istess rikorrenti, liema footage huwa meħud minn żewġ cameras li kienu nstallati mal-faċċata ta' dar li tinstab f'dik iż-żona. Minn dawn il-filmati jirriżulta s-segwenti:

*Camera 1:*

- F'12:25.11 jidher il-mutur ġej minn naħa ta' fuq tat-triq isuq lejn in-naħa t'isfel;
- F'12:26:09 jidher l-istess mutur ġej minn naħa ta' isfel tat-triq isuq lejn in-naħa ta' fuq;
- F'12:26.26 jerġa' jidher l-istess mutur ġej minn naħa ta' fuq tat-triq isuq lejn in-naħa t'isfel;

*Camera 2:*

- F'12:25.15 jidher il-mutur ġej minn naħa ta' fuq tat-triq isuq lejn in-naħa tal-lemin tal-inkorċju;
- F'12:26:06 jidher l-istess mutur ġej minn naħa tal-lemin tal-inkorċju isuq lejn in-naħa ta' fuq tat-triq;
- F'12:26.30 jerġa' jidher l-istess mutur ġej minn naħa ta' fuq tat-triq isuq lejn in-naħa tax-xelluq tal-inkroċju;

Illi l-mutur ma jerġax jidher fil-filmat, (li huwa ta' madwar nofs siegħa) la qabel dawn il-ħinijiet indikati u lanqas wara.

Illi jekk ix-xhieda mogħtija minn Patrick Muscat tiġi interposta fuq il-ħinijiet riżultanti mill-filmat CCTV malajr jirriżulta illi f'temp ta' <u>minuta u għoxrin sekonda</u>, ċioè il-ħin li l-ewwel deher il-mutur ġej min-naħa

ta' fuq tat-triq (12:25:11) għall-ħin li telaq minn din iż-żona (12:26:30) l-intimat waqaf bil-mutur, niżel mill-mutur, qabeż fuq l-għalqa tar-rikorrenti, qabbad in-nar, mattar idejh, reġa' qabeż lura fit-triq u baqa' sejjer 'l hemm. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti hija inverosimili u huwa umanament impossibbli li din l-azzjoni kollha hawn deskritta issir f'temp daqshekk qasir.

Illi l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha **Enrico Camilleri vs Martin Borg**[5] għamlet referenza għal sentenza oħra fejn qalet:

> *Kif rilevat f'sentenza anteċedenti fil-kawża fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker –vs- Joseph Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova –li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu".*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rikorrenti ma rnexxielhomx jipprovaw li l-ħruq allegatament soffert kien tort u ikkaġunat mill-intimat Francis Camilleri u b'hekk il-Qorti ma tistax tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti.

[5] **Enrico Camilleri vs Martin Borg**, 17 ta' Marzu 2003, Qorti tal-Appell, (Appell Ċiv. Nru 478/2000/1)

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tiddikjara u tiddeċiedi li għandha l-kompetenza sabiex tisma’ u tiddeċiedi din il-kawża, qed tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Francis Camilleri u konsegwentement tiċħad it-talbiet rikorrenti kollha, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**